Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 394 / 2018

**Il-Pulizija**
**Spettur Christabelle Chetcuti**

**vs**

**Paul Scicluna**

Illum 12 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Paul Scicluna detenur tal-karta tal-identita' numru 448079 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul il-jum tas-26 ta' Frar 2018 minn stabbiliment bl-isem ta' Beijing Chinese Restaurant sitwat fi Triq id-dahla ta' San Tumas, Marsaskala f' dawn il-gzejjet Maltin

1) Ikkommetta serq ta' hames (5) cilindri tal-gas li jammontaw ghal EUR 250 ghad-dannu ta' Michael Lungaro, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmi (EUR 2, 329.37c);
2) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 289, 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' sentenzi moghtija mill_Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-5 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti iddikjarat li ma ghandhiex triq ohra salv li sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli 20, 49, 50, 261 (b), 261 (c), 264 (1), 267, 278 (2), 279 (a), 280 (2) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f' dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali mhux nadifa u kien gia' nstab hati fuq serq.

Ghalhekk il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi, piena karcerarja tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 20, 49, 50, 261 (b), 261 (c), 264 (1), 267, 278 (2), 279 (a), 280 (2) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Paul Scicluna hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ikkundannah sena (1) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Paul Scicluna, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkonfermaha fejn sabitu hati taz-zewg akkuzi u thassarha fejn gie kkundannat ghal sena prigunerija, u dan billi din il-Qorti ta' revizjoni timponi piena aktar idoneja fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju ta' l-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi huwa minnu illi l-esponenti ammetta ghaz-zewg akkuzi kif dedotti u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra ghajr li ssibu hati, madankollu, l-esponenti jissottometti iilli l-piena karcerarja ta' sena effettivi erogata, kienet fic-cirkostanzi tal-kaz mhux indikata u dan ghas-segwenti ragunijiet:
    a. Minkejja li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ikkunsidrat diversi fatturi ghall-finijiet ta' piena fosthom l-ammissjoni bikrija tieghu f' dawn il-proceduri, din l-ammissjoni bikrija tieghu ma inghatatx il-piz misthoqq. L-esponenti mhux quddiem il-Qorti biss ammetta izda wkoll fl-istarrija tieghu li wiehed jista' jikkonsidraha bhala konfessjoni inkondizzjonata. B' dawn it-tipi ta' konfessjonijiet il-Qrati jiffrankaw hafna hin u flus il-poplu u ta' dan wiehed ghandu jigi ppremjat.
    b. Illi dan ir-reat sehh ben tmien xhur ilu, u ma jirrizultax illi f' dawn it-tmien xhur l-appellant rega' xellef difru mal-gustizzja minkejja li stqarr li ghandu problema ta' droga.
    c. Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti accennat ghal fatt fil-konsiderandi taghha illi l-appellant kien gia nstab hati ta' serq. Dan huwa minnu izda tali reat imur lura ghal ben hames snin ilu. Fil-fatt ir-reat kien sehh fil-15 t' Ottubru, 2013 u nstab hati fis-17 t' Ottubru, 2013.
    d. Illi l-appellant qieghed minn issa jirriserva t-talba tieghu ghal *pre-sentencing report* fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semgeht lill-partijet jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell limitat ai fini ta' piena u dan ghaliex wara li l-appellant irregistra ammissjoni quddiem l-Qorti tal-Magistrati, dik il-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza taghha u fuq ammissjoni tieghu stess sabithu hati tal-akkuzi kif adebitati fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal-prigunerija effettiva ta' sena.

L-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u cioe' mill-piena inflitta u dan ghaliex mnkejja li l-appellant irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu l-ewwel Qorti xorta ghogobha timponi piena ta' prigunerija effettiva u dan minkejja li l-appellant kien anke irrilaxxja stqarrija inkondizzjonata fejn ghalhekk iffranka hafna hin prezzjuz kemm tal-pulizija kif ukoll tal-Qorti biex issolvi l-kaz.

In oltre l-appellant sostna li minkejja li dan ir-reat sehh tmien xhur ilu ma jirrizultax li f'dawn l-ahhar tmien xhur l-appellant rega' kiser dufrejgh mal-gustizzja u dan avolja ghandu problema ta' abbuz ta' droga.

Dwar ir- recidiva l-appellant isostni li veru huwa recidiv pero' huwa recidiv ta' reat ta' serq li sehh aktar minn hames snin ilu.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** [1] sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero' li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[2], **Il-**

[1] Deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

**Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[3] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[4]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[5], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell larament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi l-Qorti rat li l-appellant instab hati tal-akkzua ta'seq liema sesq hu aggravate bil-valur li ma jeccedix €2,329.37 u bil-mezz u ghalhekk ai termini tal-artikolu 278(2) l-piena applikabbli kient ta' bejn hames xhur u tlett snin.

278.(1) *"Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin."*

*(2)" Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikunakkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux diktal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha"*

Ghalhekk il-piena trid teccedi l-hames xhur stante is-subinciz tnejn (2).

Jinghad ukoll pero' li l-appellant instab hati talli huwa recidiv ai termini tal-artikolu 289 tal-kodici kriminali li jiddisponi s-segwenti:-

289.(1) *"Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minngrad sa tliet gradi".*

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[4] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Ghalhekk il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li izzid il-piena bi grad jew tnejn u bhekk li kieku kellha tizdied bi grad il-piena titla' sa erbgha snin jekk tghola bi grad u sa hames snin jekk toghla b'zewg gradi.

Issa din il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti u minn esami ta' l-isetss jirrizulta li l-appellant diga' ghandu registrat fuqha sebgha *convictions,* tlieta minnhom jikkoncernaw r-reat ta' serq. Il-Qorti tinnota wkoll li l-imputat inghata kundanni ta' hlas ta' multi u anke inghata sentenza sospiza f'zewg okkazzjonijiet pero' cio nonostante ma tghallimx jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu tant li illum rega' qieghed il-Qorti fuq akkuza ta' serq. Jirrizulta ukoll kuntrarjament ghal dak li qal l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu li mhux minnu li r-recidiva giet moghtija minhabba reat li sar aktar min hames snin ilu. Jinghad li dan mhux minnu ghaliex ir-reat in desamina sehh fi Frar tal-2018 u l-ahhar *conviction* li ghandu registrata tikkoncerna reat ta' serq aggravat li sar f' Jannar 2018 meta gie moghti sentenza sospiza ta' tmintax il-xahar f'Marzu 2018.

Ghalhekk jidher li minkejja li jista' jghtati l-kaz li f'dawn l-ahhar tmien xhur u cioe' minn Marzu, 2018 l-ahhar sentenza li hemm registrata fil-conviction sheet tieghu sa illum l-appellant seta zamm il-boghod mill-hajja ta' kriminalita' dan ma jiskuzax lil din l-Qorti milli tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti li wara kollox inghatat lejn il-minimum taghha.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kemm fir-rigward il-mertu kif ukoll fir-rigward il-htija u tichad l-appell tal-appellant fl-intier tieghu.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur